# Isqfijiet marbutin ma' l-istorja Parrokkjali tal-Mosta

L-Isqfijiet huma kollha għeżież għall-poplu Nisrani, għax bħala suċċessuri ta' l-Appostli jmexxu bħala rgħajja l-poplu t'Alla afdat f'idejhom. Mill-Isqfijiet li kellna s'issa Malta nsemmu biss sebgħa li matul il-veskovat tagħhom kellhom b'xi mod xi rabta mal-parroċċa tal-Mosta u li għalhekk saru għalina, tul mixja twila ta' snin, għeżież iżjed minn oħrajn.

### L-Isqof Domenico Cubelles (1540-1566)

Dan l-Isqof Spanjol minn Saragozza jixhet dawl fuq il-knisja tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna li kien hawn fil-Mosta, snin qabel ma dik il-knisja il-qadima kienet saret parroċċa għaliha. Insibu li fl-atti taż-Żjara Pastorali li Mons. Cubelles kien għamel f'dik il-knisja fl-1557, huwa kien ordna li fl-imsemmija knisja kellu jitwaqqaf fonti tal-magħmudija. Dan il-fonti huwa x'aktarx l-istess wieħed li għadna naraw fil-knisja arċipretali li għandna llum. X'aktarx ukoll, li kien għalhekk li fiż-żjara li d-Delegat Appostoliku Mons. Pietru Dusina għamel fil-Mosta fl-1575 sejjaħ lil dik il-knisja ta' Santa Marija Assunta bħala 'knisja parrokkjali'. Sejħilha hekk, mhux għax fil-fatt kienet diġà knisja parrokkjali, iżda għax kienet knisja ġmielha f'raħal mhux ħażin u billi wkoll x'aktarx li fiha kienu jiġu amministrati s-Sagramenti Mqaddsa, li l-amministrazzjoni tagħhom kienet dritt tal-kappillan tal-matriċi tan-Naxxar. Miet fis-sena ta' wara l-Assedju l-Kbir u difnuh fil-Katidral il-qadim ta' l-Imdina.

### L-Isqof Tumas Gargallo (1578–1614)

Kien Isqof Spanjol ieħor minn Barcellona b'karattru jixgħel bħan-nar u għajjur bil-bosta għad-drittijiet tiegħu. Fost il-parroċċi li waqqaf insibu dik tagħna li waqqafha fis-16 ta' Settembru, 1608. Wara żjara pastorali li kien għamel fil-Mosta f'Mejju ta' l-1608 kien diġà xeħet għajnejh fuq il-knisja ta' l-Assunta li kien hawn fil-Mosta u li diġà semmejna. Lil din il-knisja kien baqa' sa ma waqqafha f'parroċċa għaliha, għalkemm il-kappillan tan-Naxxar kien oppona kemm felaħ għall-erezzjoni tagħha tant li kellhom jgħaddu sentejn oħra sakemm lill-Mosta jagħtiha l-ewwel kappillan. L-ewwel kappillan kien Dun Ġwann Bezzina li ħa l-pussess fl-10 ta' Novembru, 1610 wara erba' xhur mill-mewt tal-Kappillan tan-Naxxar Dun Ġiljan Borg. L-Isqof Gargallo jinsab midfun fil-Knisja tal-Ġiżwiti fil-belt Valletta.

### L-Isqof Ġwann Carmine Pellerano (1770-1780)

L-Isqof Pellerano kien Sqalli, bin omm Maltija, Maria Giappone. Minħabba li dejjem żamm mal-poplu u l-kleru kellu xi jgħid mal-Gran Mastru Ximenes, tant li dan il-Gran Mastru rrappurtah lil Papa li l-għerq ta' kull inkwiet bejn il-Kavallieri u l-poplu kien ġej kollu mill-Isqof. Kellu għalhekk iħalli d-djoċesi u jmur jgħix f'Ruma fejn fl-1783 miet ta' 81 sena u fejn ukoll ġie midfun. Il-parroċċa tagħna tibqa' tiftakar lil dan l-Isqof bħala dak li kkonsagra bis-sollennità kollha l-knisja parrokkjali l-qadima li kellna qabel ir-Rotunda sewwa sew nhar is-7 ta' April, 1774, kif tgħid il-lapida storika li hemm f'nofs il-kuritur li jgħaqqad is-sagristija tar-Rotunda.. Fuq din il-lapida tidher l-arma tiegħu magħquda f'waħda ma' dik tal-Gran Mastru Pinto.


L-Isqof Fra Gaetano Pace Forno

### L-Isqof Gaetano Pace Forno (1857-1874)

Dan l-Isqof twieled Għawdex u sar patri Agostinjan. 'Fra Gaetano' kien skular għaref u oratur magħruf. Fl-1857 ġie nominat bħala Isqof Titulari ta' Hebron u ħa parti fil-Konċilju Vatikan I. Matul il-veskovat tiegħu Għawdex sar Djoċesi għalih. L-Isqof Pace Forno għamel l-ewwel daħla solenni tiegħu ġewwa l-Knisja tar-Rotunda tal-Mosta nhar il-Ħadd 11 ta' Marzu, 1860 biex jintona *Te Deum* talli fl-aħħar, wara sebgħa u għoxrin sena ta' ħidma erojka kienet lesta, fost il-ferħ kbir tal-Mostin. Reġa' ġie fostna biex ibierek il-qanpiena fustanija fl-1863 u reġa' ġie sena wara biex ibierek il-qanpiena l-kbira

➥ ikompli paġna 73

Creation Butcher
Autumn Street, Mosta Tel: 433984
Prop. Stephen Pace
For Fresh and Frozen Meat
Free Delivery

# Isqfijiet fil-Mosta

➡ minn paġna 71

*Maria Assumpta.* Fl-aħħarnett reġa' ġie l-Mosta biex jikkonsagra b'riti sollenni r-Rotunda nhar il-15 ta' Ottubru, 1871. Lill-knisja tagħna kien irregalalha l-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura, xogħol Salvatore Barbara, kwadru li wieħed għadu jista' jarah fis-Sagristija ta' fejn hemm il-bomba. Dan l-Isqof miet f'Castellamare di Stabia ġewwa l-Italja fl-1874 imma sena wara l-fdal tiegħu inġieb Malta u ġie midfun fil-Katidral ta' l-Imdina.

## L-Isqof Antonju Marija Buhagiar (1885-1888)

Monsinjur Buhagiar twieled fil-Gżira ta' Cefalonia ġewwa l-Greċja minn ġenituri Maltin. Minn patri Kabuċċin laħaq missjunarju appostoliku fi Sfax, imbagħad inħatar Isqof Titulari ta' Ruspe u Awżiljarju tal-Kardinal Lavigerie, Primat ta' l-Afrika ta' Fuq. Matul il-veskovat tiegħu wera li kien difensur qalbieni tal-Knisja u missier ħanin mal-foqra l-aktar meta kienet faqqgħet l-epidemija tal-kolera fl-1887. Fi żmienu wkoll il-Knisja Rotunda tal-Mosta, minħabba li kienet qed tagħmel ġieħ lid-Djoċesi kollha ta' Malta ġiet mgħollija għad-dinjità ta' knisja arċipretali nhar l-10 ta' Lulju, 1888, bl-ewwel Arċipriet Dun Pawl Xuereb mill-Isla. Wara l-mewt ta' l-Isqof Carmelo Scicluna fl-1888, l-Isqof Buhagiar li tiegħu kien sar Amministraur Appostoliku, ġie mwarrab mid-djoċesi billi kien mibgħut b'missjoni diplomatika fl-Amerika Ċentrali minħabba suspetti tal-Gvern Ingliż.

## L-Isqof Pietru Pace (1889-1914)



Mons Pietru Pace

Seba' xhur wara l-mewt ta' l-Isqof Scicluna fl-1889 l-Isqof Pietru Pace ta' Għawdex ġie trasferit fl-Arċidjoċesi ta' Malta meta kellu 58 sena. Kien Isqof qalbieni li ddefenda d-drittijiet tal-Knisja mingħajr biża' għalkemm biex jagħmel hekk kellu jbati. Fost il-perjodi ta' ferħ li kellu dan l-Isqof tul il-veskovat tiegħu nsemmu biss il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ta' l-1913. Wara kontroversja fejn kellu jiltaqa' l-Kungress, fl-aħħar dan l-Isqof wettaq ix-xewqa ta' kulħadd u għażel ir-Rotunda tal-Mosta biex fiha jsir il-Kungress. Il-lok ta' din il-ġemgħa Nisranija kellu jkun tempju li fil-għamla tiegħu, fis-sengħa li biha ġie maħdum, fil-qdusija li jiġbor fih, kellu jibqa' tifkira tal-fidi u tas-sagrifiċċju tal-poplu Nisrani, tifkira tal-qalb u

➡ ikompli paġna 74




➡ minn paġna 73

ta' l-inġenju Malti u aħjar mill-knisja tal-Mosta ma kienx jista' jinsab ieħor f'Malta. Knisja l-iktar wiesgħa, mibnija mill-għaraq tal-poplu li kollox jissagrifika għar-Reliġjon tiegħu, knisja li fil-għamla tonda tagħha, simbolu ta' l-Ostja kif ukoll tad-dinja, għalhekk denja weħidha li tilqa' kungress miġbur mid-dinja kollha għall-ġieħ ta' Ġesù Ostja. L-Isqof Pace miet fid-29 ta' Lulju, 1914 u ġie midfun fil-Katidral ta' Għawdex.

### L-Arċisqof Mikiel Gonzi (1943-1984)

L-Arċisqof Mikiel Gonzi twieled il-Birgu u trabba l-Kalkara. Qabel ma sar l-Arċisqof ta' Malta kien għal 19-il sena sħaħ Isqof ta' Għawdex. F'Malta kellu veskovat twil u diffiċli mimli tweġhir imma daqstant ieħor kellu mumenti sbieħ bħalma kienu l-Kungress Marjan fl-1949 u ċ-Ċentinarju Pawlin fl-1960. Żar ir-Rotunda tagħna bosta drabi u mhux l-ewwel darba akkumpanjat minn dinjitarji għoljin tal-Knisja. Kien preżenti fir-Rotunda meta saret il-petizzjoni nazzjonali biex il-Papa jfittex jipproklama bħala domma ta' fidi t-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna, nhar it-22 ta' Settembru, 1946. Fuq kollox f'isem u bl-awtorità tal-Papa Pawlu VI inkuruna l-kwadru titulari ta' l-Assunta meqjum ġewwa ir-Rotunda nhar l-10 ta' Awissu, 1975 meta kellu 90 sena. L-Arċisqof Gonzi fetaħ knejjes u waqqaf parroċċi f'ħafna okkażjonijiet, qabeż għall-ħaddiema, għen lil dawk li riedu jemigraw, bena flattijiet fil-Blata l-Bajda u l-Istitut Kattoliku tal-Furjana u fetaħ ukoll djar għat-tfal fil-bżonn. Kien l-ewwel Arċisqof Emeritu. Miet ta' kważi 99 sena u ġie midfun fil-Katidral ta' l-Imdina fejn għandu wkoll monument tal-bronż li jixraqlu, xogħol tal-magħruf Vincent Apap.



L-Arċisqof Mikiel Gonzi

**Riferenzi**


1. **History of the Church in Malta** – Vol. II Arthur Bonnici, 1968, pg 10, 11, 16.
2. **History of the Church in Malta – Vol III** Mgr. Profs Art. Bonnici, 1975.
3. **Musta Memories and Gharms** – Rev. Edgar W. Salomone, 1911 pg 13.
4. **Storja tal-Mosta miġbura minn E. B. Vella u oħrajn,** 1972 pg 219, 455.
5. **Storja ta' Malta fi Ġrajjiet il-Knisja** – Alexander Bonnici OFM Conv pg 63, 79.


*Joseph Borg*


**LAWRENCE FENECH LTD**

The natural way to Marble, Granite, Resin & Tiles

Call at our showrooms and see the vast range of genuine materials manufactured and produced to your satisfaction

Mosta Road, Lija, BZN 09 - Malta
Tel: 413542, 415648/9. Fax: 415653